# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2013

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni

(2013/629/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 79(3), flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/156/UE [1], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ("il-Ftehim") ġie ffirmat suġġett li jiġi konkluż f'data aktar tard.

(2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(3) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni li jista' jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Huwa xieraq li tiġi prevista proċedura simplifikata għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'dan il-każ.

(4) Taħt l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri mhumiex qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbutin biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Taħt l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 23(2) tal-Ftehim [2].

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni stabbilit taħt l-Artikolu 19 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

[1] ĠU L 87, 27.3.2013, p. 1.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.